

Brussell, 26 ta' Lulju 2016
(OR. en)

11494/16

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0230 (COD)

CLIMA 93
ENV 512
AGRI 434
FORETS 35
ONU 88
CODEC 1101
IA 56

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Lulju 2016
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2016) 479 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2016) 479 final.

Mehmuż: COM(2016) 479 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.7.2016
COM(2016) 479 final

2016/0230 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2016) 246 final}

{SWD(2016) 249 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali li ma tistax tissolva b'azzjoni nazzjonali jew lokali waħedha. Mill-1992, l-UE ħadmet biex tiżviluppa soluzzjonijiet konġunti u tmexxi 'l quddiem azzjoni globali biex tindirizza t-tibdil fil-klima.

Il-Ftehim ta' Pariġi ġie adottat f'Diċembru 2015 fil-21ⁱⁿ Konferenza tal-Partijiet tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC). Il-Ftehim jinkludi mira fit-tul u jiddeskrivi li l-kontribut mill-użu tal-art u l-foresti biex jintlaħqu l-għanijiet ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fit-tul se jkunu kritiċi¹.

Din il-proposta timplimenta wkoll l-impenji tal-UE skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima. Fl-10 ta' Ġunju 2016 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għall-UE biex tirratifika l-Ftehim ta' Pariġi². Din il-proposta segwiet il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-Ftehim ta' Pariġi³.

Il-gwida tal-Kunsill Ewropew dwar l-inklużjoni tal-użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija (LULUCF) fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 tal-UE hija wkoll riflessa fil-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali tal-UE. L-UE ddikjarat li l-mira tagħha hija “tnaqqis assolut mill-emissjonijiet tas-sena bażi fl-ekonomija kollha”, li tilħaq “mill-inqas 40 % tnaqqis domestiku”, li tkopri 100 % tal-emissjonijiet tal-UE. Fir-rigward tal-LULUCF, żdied ukoll li “il-politika dwar kif għandhom jiġu inklużi l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija fil-Qafas ta' mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima għall-2030 għandha tiġi stabbilita malli l-kundizzjonijiet tekniċi jippermettu dan u fi kwalunkwe każ qabel l-2020.”⁴

L-għan ta' din il-proposta huwa li tiddetermina kif is-settur tal-LULUCF se jiġi inkluż fil-qafas tal-politika għall-klima tal-UE mill-2021. Sal-lum, il-Protokoll ta' Kjoto ipoġġi limiti fuq l-UE y fuq kull wieħed mill-Istati membri tagħha, peress li għandhom bżonn li jiżguraw li s-settur tal-LULUCF ma jrendix emissjonijiet żejda. Madankollu, il-Protokoll ta' Kjoto se jiskadi fl-aħħar tal-2020. Konsegwentement, il-governanza għas-settur tal-LULUCF teħtieġ li tiġi żviluppata aktar fi ħdan l-UE.

¹ Il-mira fit-tul il-ġdida kienet definita bħala kisba ta' “bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet b'effett ta' serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu”. Il-Ftehim ta' Pariġi, Artikolu 4(1)

² Il-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, COM/2016/0395 final

³ Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Wara Pariġi: valutazzjoni tal-implikazzjonijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u li takkumpanja l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-ftehim ta' Pariġi adottat skont il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, COM/2016/0110 final

⁴ Intended Nationally Determined Contribution of the EU and its Member States, tas-6 ta' Marzu 2015 <http://www4.unfccc.int/submissions/INDC/Published%20Documents/Latvia/1/LV-03-06-EU%20INDC.pdf>

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-qafas ta' politika għall-klima għall-2020 attwali jkopri l-maġġorparti tas-setturi u l-gassijiet serra. Dan jikkonsisti minn żewġ elementi ewlenin:

- (a) L-iskema tal-UE għan-negozjar ta' emissjonijiet (EU ETS);
- (b) Is-setturi⁵ barra mill-EU ETS huma indirizzati mid-Deċiżjoni dwar il-Kondiviżjoni tal-Isforzi (ESD).

Il-progress lejn il-miri tal-2020 huwa assigurat permezz tal-obbligi ta' rapportar u kontrolli tal-konformità annwali, stabbiliti fir-Regolament 525/2013/KE⁶.

L-emissjonijiet u l-assorbimenti⁷ tal-gassijiet serra fil-LULUCF bħalissa huma koperti mill-obbligi internazzjonali skont il-Protokoll ta' Kjoto biss, sal-2020. L-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni dwar il-LULUCF (529/2013/UE) attwali għaddejja u sal-2020 se tipprovdi sistemi kontabilistiċi mtejbja. Mingħajr qafas legali li jikkonsolida din l-implimentazzjoni u li jiddefinixxi r-regoli applikabbli għall-perjodu ta' wara l-2020, il-mod li bih il-LULUCF ikun inkluż fil-qafas globali jista' jkun eteroġenu fl-UE kollha. Id-differenzi fir-regoli ta' rapportar u dawk kontabilistiċi minn Stat Membru għall-ieħor jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ottimu tas-suq uniku b'mod negattiv.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Proposta legali għall-inklużjoni tal-LULUCF fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 hija parti fundamentali mill-istrateġija tal-Kummissjoni għal *Unjoni Ewropea reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tħares'il quddiem*, u ssostni d-dimensjoni ta' dekarbonizzazzjoni tagħha. Il-proposta hija meħtieġa wkoll għat-tlestija tal-qafas integrat għall-politiki dwar it-tibdil fil-klima u l-enerġija sal-2030 appoġġat mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014.

Skont ir-regoli internazzjonali taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima tan-NU u l-Protokoll ta' Kjoto, l-emissjonijiet marbuta mal-bijomassa huma rrapportati u kkontjati taħt il-LULUCF, jiġifieri l-użu tal-bijomassa fis-settur tal-enerġija għandu rata ta' zero. B'dan il-mod jiġi evitat l-għadd doppju tal-emissjonijiet.

2. **IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORIZZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

L-Artikoli 191 sa 193 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jikkonfermaw u jispeċifikaw l-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima. Il-bażi ġuridika għal din il-proposta hija l-Artikolu 192.

⁵ L-hekk imsejjjah settur "li ma jaqax taħt l-ETS" b'aktar minn 55 % tal-emissjonijiet totali tal-UE, pereżempju l-emissjonijiet tas-CO₂ mit-trasport, it-tisħin tal-bini, l-emissjonijiet mhux tas-CO₂ mill-agrikoltura u l-iskart

⁶ Ir-Regolament 525/2013/KE dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima fil-livelli nazzjonali u tal-Unjoni u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 280/2004/KE

⁷ Meta s-CO₂ jiġi assorbit mill-atmosfera, pereżempju meta jikbru s-siġar u l-pjanti, dan jispejjah "assorbiment", b'kuntrast ma' emissjoni li sseħħ meta l-bijomassa tinharq jew tiddiżintegra.

- **Sussidjarjetà (għal kompetenza mhux esklużiva)**

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali li ma tistax tissolva bl-azzjoni nazzjonali jew lokali waħedha. Il-kompetenza tal-Unjoni Ewropea biex tiegħu azzjoni fuq it-tibdil fil-klima għejja mill-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Waqt li l-UE tindirizza l-impenji tat-tibdil fil-klima b'mod konġunt, il-LULUCF għandha tiġi indirizzata wkoll b'mod koordinat.

- **Proporzjonalità**

L-inklużjoni tal-LULUCF fil-Qafas għall-2030 se tipprovdi qafas komuni dwar kif is-settur jista' jittqies għall-mira għat-tnaqqis konġunt tal-UE. L-għażla tal-azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet varji relatati mal-LULUCF se tkun f'idejn l-Istati Membri, u b'hekk is-sussidjarjetà tiġi rrispettata wkoll bis-siġh.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Kunsill Ewropew qabel fuq għan vinkolanti uniku għall-politika dwar il-klima u l-enerġija bejn l-2021 u l-2030, għal tnaqqis globali ta' għall-anqas 40 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra fl-ekonomija kollha taħt il-livelli tal-1990. Kemm għall-Istati Membri u kif ukoll għall-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, hemm stabbiliti rekwiżiti biex jikkontribwixxu fil-ksib tat-tnaqqis tal-emissjonijiet neċessarju. Din il-proposta takkumpanja dik għal Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jintlaħqu l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima, li jkopri aktar minn nofs l-emissjonijiet ta' gassijiet serra, u l-għan tal-proposta l-aħjar li jintlaħaq permezz ta' Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATA U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex-post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Ma kien hemm l-ebda evalwazzjoni *ex-post* relatata ma' din il-proposta jew kontroll tal-idoneità marbuta magħha.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bejn Marzu u Ġunju 2015, il-Kummissjoni Ewropea wettqet konsultazzjoni pubblika dwar kif l-aħjar tindirizza l-emissjonijiet mill-agrikoltura, il-forestrija u użu tal-art ieħor fil-kuntest tal-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030. B'kollox, waslu 138 kontribuzzjoni dwar l-għażliet tal-artikettura tal-politika, nofs daww li wiegħbu li ma kellhom l-ebda preferenza ċara, u madwar terzi ta' daww li wiegħbu, il-maġġoranza tagħhom NGOs tal-ambjent u organizzazzjonijiet tal-forestrija, kienu favur iż-żamma tal-LULUCF bħala pilastru separat fi ħdan il-qafas tal-politika għall-klima. L-għażla ta' fużjoni tal-agrikoltura u l-LULUCF f'pilastru separat barra mill-ESD irċeviet l-inqas appoġġ. Il-gvernijiet nazzjonali wrew li l-aktar jippreferu huwa pilastru tal-LULUCF separat, possibbilment bi flessibbiltà, jew il-fużjoni tal-LULUCF fl-ESD. Is-sett wiesgħa ta' opinjonijiet fisser li l-ebda għażla kkunsidrata

mill-Kummissjoni ma setgħet tissodisfa dawn l-opinjoni ta' kollha. Il-kontabbiltà tqieset fundamentali għall-integrità ambjentali mill-maġġoranza ta' dawk li wiegħbu. Intwera interess qawwi għas-simplifikazzjoni tas-sistemi ta' rapportar paralleli u t-tkomplija tal-livelli ta' referenza għall-foresti.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Il-valutazzjoni kwantitattiva tal-impatti futuri fl-UE huwa konsistenti mal-analiżi mwettqa għall-proposta tal-Qafas għall-2030 u r-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jintlaħqu l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kummissjoni kkuntrattat l-Università Teknika Nazzjonali ta' Ateni, l-IIASA u l-EuroCare biex ifasslu xenarji tal-UE.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tħejjiet u ġiet żviluppata b'kooperazzjoni sħiħa mal-gwida applikabbli *Regolamentazzjoni Aħjar*, u ġiet evalwata mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju, u rċeviet opinjoni Pożittiva. Titjib kif rakkomandat mill-Bord ġie inkorporat fil-verżjoni finali.

Fil-konklużjoni tal-valutazzjoni tal-impatt, pilastru awtonomu tal-politika tal-LULUCF, li jkompli jiġi użat flimkien mar-regola ta' bla debitu, ġie identifikat bħala l-għażla preferuta. Grad limitat ta' flessibbiltà bejn l-LULUCF u s-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS ikun permess, ġustifikat mill-hteġa li ġejja mill-potenzjal ta' mitigazzjoni inferjuri tal-agrikultura u s-sehem tas-settur tal-agrikultura għal kull Stat Membru. Din l-għażla tkun kompatibbli mal-għanijiet tas-sigurtà alimentari u l-bijodiversità u ma tirriżultax f'effetti ta' okkupazzjoni negattivi. Tali għażla ibrida tillimita l-bidliet tal-arkitettura globali u għalhekk timminimizza l-piż amministrattiv u l-burokrazija żejda filwaqt li timmassimizza l-kontribuzzjonijiet għall-kisba globali tal-miri tal-UE għall-2030. L-inklużjoni tal-LULUCF abbażi ta' tali għażla ibrida tagħti inċentiv ukoll għal azzjoni ta' mitigazzjoni addizzjonali fis-settur tal-art u l-forestrija u għalhekk tkun konformi bis-sħiħ mal-viżjoni fit-tul biex tiġi limitata ż-żieda fit-temperatura ppreżentata fil-Ftehim ta' Pariġi.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Skont l-impenn tal-Kummissjoni għal *Regolamentazzjoni Aħjar*, il-proposta tħejjiet b'mod inklussiv, abbażi tat-trasparenza u l-involvement kontinwu tal-partijiet ikkonċernati. Peress li l-kontabbiltà tal-LULUCF jsir fuq il-livell nazzjonali, bl-appoġġ tekniku ta' istituti jew aġenziji tar-riċerka, il-piż amministrattiv u l-ispejjeż assoċjati għall-konformità amministrattiva se jaffettwaw biss lill-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. M'hemm l-ebda obbligi ta' rapportar diretti għall-mikrointrapriżi, l-SMEs jew intrapriżi oħra taħt il-leġiżlazzjoni attwali. Il-proposta mhix se tbiddle din is-sitwazzjoni.

Bil-bosta, l-aktar bidla proposta sinifiknati hija li jiġu ssimplifikati ż-żewġ sistemi eżistenti paralleli ta' rapportar f'sistema unika. Dan se jnaqqas l-piż amministrattiv u l-ispejjeż għall-Istati Membri u l-Kummissjoni. Dwar l-impatti amministrattivi tal-bidliet fir-regoli tal-kontabbiltà, dawn huma mistennija li jkunu minimi, peress li r-regoli rilevanti tal-kontabbiltà diġà ġew stabbiliti bħala konsegwenza tad-Deċiżjoni 529/2013/UE dwar il-LULUCF. L-ispejjeż amministrattivi tar-reġim eżistenti kienu analizzati fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta għad-Deċiżjoni eżistenti dwar il-LULUCF (SWD (2012) 41 final).

Il-proposta tidentifika l-flessibilità u s-sinerġiji tal-mitigazzjoni kosteffikaċi bejn l-attivitajiet kollha marbuta mal-agrikoltura u l-użu tal-art. Il-proposta hija allinjata mad-Direttiva dwar l-INSPIRE (Id-Direttiva 2007/2/KE) li tikkonċerna d-dejta diġitali u ġeografika.

Din il-proposta mhijiex inizjattiva fi ħdan il-Programm dwar l-Idoneità tar-Regolamentazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Peress li l-politika proposta prinċipalment tindirizza lill-Istati Membri bħala atturi istituzzjonali, din hija konsistenti mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-impatti indiretti fuq il-baġits tal-Istati Membri se jiddependu fuq l-għażla tal-politiki u l-miżuri nazzjonali għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gass serra u azzjoni ta' mitigazzjoni oħra fis-settur tal-użu tal-art koperta minn din l-inizjattiva magħżula f'kull pajjiż speċifiku. Il-proposta telimina wieħed mill-oqfsa tar-rapportar (mit-tnejn eżistenti), is-simplifikazzjoni tal-proċess tal-kontabbiltà meta mqabbel ma' dak meħtieġ skont il-Protokoll ta' Kjoto. Dan se jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi għall-Istati Membri u l-Kummissjoni Ewropea. Din il-proposta għandha implikazzjonijiet limitati ħafna għall-baġit tal-UE, li huma ppreżentati fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva mehmūza.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

L-integrità ambjentali dejjem għandha tittieħed inkonsiderazzjoni meta jkunu qed jitqiesu l-għażliet li jippermettu l-użu mtejjeb tal-flessibbiltà. L-attivitajiet ta' mitigazzjoni fil-LULUCF għandhom jirriżultaw f'titjib addizzjonali, sostenibbli u li jista' jitkejjel tal-bjar tal-karbonju. Biex dawn il-kundizzjonijiet jiġu assigurati hemm bżonn ta' sistemi rigorużi ta' monitoraġġ, rapportar u verifikazzjoni.

L-obbligi internazzjonali skont il-qafas tal-UNFCCC se jfissru li l-eżerċizzju tar-rapportar jibqa' annwali. Il-monitoraġġ u r-rapportar jibqgħu jiddependu fuq ir-rekwiżiti speċifikati fir-Regolament 525/2013/KE, emendat apposta b'dan ir-Regolament. Ir-Regolament 525/2013/KE għandu jkun ikkomplimentat aktar sabiex joħloq qafas komprensiv ta' monitoraġġ u konformità għal wara l-2020 għas-setturi kollha li ma jaqgħux taħt l-ETS, inkluż il-LULUCF. Hemm ipplanat li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu integrati fil-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, li għaliha hemm prevista proposta tal-Kummissjoni sal-aħħar tal-2016 fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni u tista' tkun simplifikata aktar bħala parti minn dik il-proposta. Il-kontabbiltà tal-azzjonijiet tal-LULUCF titwettaq l-aħjar fuq perjodi ta' żmien itwal. Biex jiġi integrat il-LULUCF mas-setturi l-oħra f'dawk li ma jaqgħux taħt l-ETS, il-kontrolli tal-konformità se jitwettqu kull ħames snin.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Artikolu 1: Suġġett

Dan l-Artikolu jispjega li r-Regolament jistabbilixxi dawn l-impenji tal-Istati Membri lejn l-ilħuq tal-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030, u regoli għall-kontabbiltà u l-kontroll tal-konformità.

Artikolu 2: Kamp ta' Applikazzjoni

L-Artikolu jiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tal-kopertura tal-Regolament. Jirrifletti l-kopertura tal-leġislazzjoni tal-UE eżistenti għall-Istati Membri skont il-Protokoll ta' Kjoto (529/2013/UE). Il-kamp ta' applikazzjoni obligatorju huwa essenzjalment foresti u art agrikola, u art li nbidel l-użu tagħha minn dawn l-użi jew għalihom. L-approċċ propost jiskarta l-qafas tar-rapportar tal-Protokoll ta' Kjoto parallel u jissimplifika s-sistema permezz tal-qafas tar-rapportar "terrestri" tal-UNFCCC. Il-kamp ta' applikazzjoni jinkludi l-gassijiet serra CO₂, CH₄ u N₂O.

Artikolu 3: Definizzjonijiet

L-Artikolu jiddefinixxi terminoloġija speċifika.

Artikolu 4: Impenji

L-impenn ta' kull Stat Membru huwa li jiżgura li s-settur tal-LULUCF, wara l-applikazzjoni tar-regoli tal-kontabbiltà speċifikati fir-Regolament, u filwaqt li jqis il-flessibbiltajiet, ma għandux ikollu emissjonijiet netti fit-territorju tagħhom. Dan il-prinċipju jissemma fil-Valutazzjoni tal-Impatt bħala r-"regola ta' bla debitu".

Artikolu 5: Regoli tal-kontabbiltà ġenerali

L-Artikolu jistabbilixxi regoli ġenerali biex jiġi evitat l-għadd doppju, għall-ġestjoni tat-tranżizzjonijiet bejn il-kategoriji tal-użu tal-art u għall-ġhoti ta' spjegazzjoni għal kull raggruppament ta' karbonju, ħlief dawk li jaqgħu taħt regola *de minimis*. Huwa bbażat mill-qrib fuq ir-regoli tal-kontabbiltà ġenerali fid-Deċizzjoni 529/2013/UE, u jżid regola dinamika għat-tranżizzjoni tal-kategoriji tal-użu tal-art.

Artikolu 6: Kontabbiltà għall-art forestali u l-art deforestata

Dan l-Artikolu jippreżenta regoli tal-kontabbiltà speċifiċi għall-użu tal-art mibdula *minn* (deforestata) u *għal* foresti (afforestata). Dawn il-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art huma kontabilizzati bl-użu ta' approċċ "gross-nett", jiġifieri kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti kollha kemm huma tul il-perjodu. Dan essenzjalment l-istess bħal fid-Deċizzjoni 529/2013/UE, ħlief għall-introduzzjoni tal-għażla li jintużaw 30 sena minflok il-valur prestabbilit għal bdil ta' kategoriji tal-użu tal-art għall-foresti. L-użu ta' dan il-valur minflok il-valur prestabbilit għandu jkun debitament ġustifikat fl-inventarju tal-gassijiet serra tal-Istati Membri ppreżentati lill-UNFCCC, skont il-Linji Gwida tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima.

Artikolu 7: Kontabbiltà għar-raba' ġestit, il-bwar ġestiti u l-art mistagħdra ġestita

Dan l-artikolu jippreżenta regoli tal-kontabbiltà speċifiċi għar-raba', bwar u art mistagħdra ġestiti, inklużi l-kategoriji tal-art li tinbidel *minn* dawn il-kategoriji u *għalihom*. Din il-bidla fl-użu tal-art hija kontabilizzata relattiva għall-emissjonijiet jew l-assorbimenti meta mqabbla ma' referenza storika.

Hija essenzjalment l-istess bħal fid-Deċiżjoni 529/2013/UE, ħlief li qed tiġi proposta referenza storika aktar reċenti sabiex ittejjeb il-preċiżjoni tal-estimi, tallinja aħjar mal-bqija tas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS, u tissimplifika l-kontabbiltà billi tnaqqas il-ħtieġa tas-serje tal-ħin storika.

Artikolu 8: Kontabbiltà għall-ġestjoni tal-foresti

Dan l-Artikolu jipprovdi għar-regoli tal-kontabbiltà għall-ġestjoni tal-foresti bl-użu ta' livell ta' referenza għall-foresti biex jiġu esklużi l-effetti ta' karatteristiċi naturali u speċifiċi għall-pajjiż. Dan huwa bbażat mill-qrib fuq ir-regoli rilevanti fid-Deċiżjoni 529/2013/UE. L-Artikolu jistabbilixxi wkoll qafas ta' governanza tal-UE li għandu jintuża fid-dawl tal-iskadenza tal-Protokoll ta' Kjoto wara l-2020. Id-dispożizzjonijiet jimmiraw li jsaħħu l-preċiżjoni u t-trasparenza tal-livelli ta' referenza għall-foresti u l-proċess li jistabbilixxihom. Dan għandu jinkludi l-konsultazzjoni tal-partijiet interessati fl-Istati Membri u reviżjoni assistita mill-esperti tal-Istati Membri.

Artikolu 9: Kontabbiltà għall-prodotti tal-injam maħsud

Dan l-Artikolu jiddetermina l-approċċ kontabilistiku għal dan ir-raggruppament ta' karbonju fl-art forestali u l-foresti ġestiti. Il-metodoloġija hija essenzjalment l-istess meta mqabbla mad-Deċiżjoni 529/2013/UE.

Artikolu 10: Kontabbiltà għal disturbi naturali

Dan l-Artikolu jippermetti lill-Istati Membri jeskludu emissjonijiet minn disturbi naturali (nirien f'foresti, invażjoni minn pesti, eċċ.) mill-kontijiet tagħhom. Il-metodoloġija hija essenzjalment l-istess meta mqabbla mad-Deċiżjoni 529/2013/UE. L-istabbiliment ta' livell ta' bażi, fl-assenza tar-reviżjoni tal-Protokoll ta' Kjoto, jeħtieġ li jkun trasparenti. Il-Kummissjoni għalhekk se tiżgura li l-gwida u r-regoli applikabbli ikunu ġew irrispettati.

Artikolu 11: Flessibbiltajiet

Dan l-Artikolu jipprovdi għall-Istati Membri biex jikkompensaw għall-emissjonijiet minn kategorija ta' kontabbiltà tal-art waħda bl-assorbimenti minn kategorija ta' kontabbiltà tal-art oħra fit-territorju tagħhom. Dan jippermetti wkoll lil Stat Membru biex jakkumula assorbimenti netti identifikati fil-kontijiet tagħhom tul perjodu ta' 10 snin. Assorbimenti eċċessivi jistgħu jiġu trasferiti lil Stat Membru ieħor biex jgħinu fl-iżgurar tal-konformità mar-regola ta' bla debitu. Fl-aħħar nett, sabiex jisfruttaw il-flessibbiltajiet, l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw monitoraġġ xieraq konformi ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 12: Kontroll tal-konformità

Dan l-Artikolu jippreżenta r-rekwiżiti għall-Istati Membri biex jiġi żgurat monitoraġġ xieraq għal finijiet ta' kontabbiltà, u jistabbilixxi kontrolli tal-konformità regolari mill-Kummissjoni. Sabiex tiżgura standard ta' kwalità għoli, l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tassisti lill-Kummissjoni f'din il-ħidma.

Artikolu 13: Reġistru

Dan l-Artikolu għandu x'jaqsam mal-użu tar-Reġistru għat-tranżazzjonijiet filwaqt li jiżgura li ma jsirx għadd doppju.

Artikolu 14: Eżerċizzju ta' delega

Il-proposta tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti delegati skont il-proċeduri rilevanti.

Artikolu 15: Eżami

Eżami tal-elementi kollha tar-Regolament biex jiġi determinat jekk għadhomx tajbin għal dan il-għan

għandu jitwettaq fl-2024, u wara kull 5 snin.

Artikolu 16: Emendi konsegwenzjali fir-Regolament Nru 525/2013/UE

Ir-Regolament Nru 525/2013/UE qed jiġi emendat sabiex jiżgura li l-rekwiżiti ta' rapportar li bħalissa japplikaw għal-LULUCF jitkomplew fil-qafas ta' dak ir-Regolament. L-Istati Membri huma meħtieġa li kull sena jirrapportaw l-emissjonijiet ta' GHG rilevanti tagħhom kull sena u se jibqgħu jirrapportaw kull sentejn dwar il-projezzjonijiet u l-politiki tagħhom u l-miżuri implimentati biex tiġi żgurata l-konformità mal-miri tagħhom. Ir-rekwiżiti ta' monitoraġġ għal-LULUCF qed jissaħħu biex tiġi żgurata l-integrità ambjentali tal-kontabbiltà.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u għar-rapportar ta' informazzjoni oħra relatata mat-tibdil fil-klima

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁸,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni⁹,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Mira vinkolanti ta' tnaqqis domestiku ta' mill-anqas 40 % ta' gassijiet serra fis-settur ekonomiku kollu sal-2030 meta mqabbel mal-1990 ġiet approvata fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23 u l-24 ta' Ottubru 2014 dwar il-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030. Il-laqgħa tal-Kunsill tas-6 ta' Marzu 2015 approvat formalment dan il-kontribut tal-Unjoni u l-Istati Membri tagħha bħala l-Kontribut Maħsub Determinat fil-Livell Nazzjonali tagħhom.
- (2) Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ipprevedew li l-mira għandha titwettaq b' mod kollettiv mill-Unjoni bl-aktar mod kosteffikaċi possibbli, bit-tnaqqis fl-iskema tal-UE għan-Negożjar ta' Emissjonijiet (ETS) u s-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS li jammontaw għal 43 % u 30 % sal-2030 meta mqabbel mal-2005 rispettivament, bl-isforzi distribwiti abbażi tal-PDG *per capita* relattiv.

⁸ ĠU C , , p. .

⁹ ĠU C , , p. .

- (3) Fl-10 ta' Ġunju 2016 il-Kummissjoni ppreżentat proposta għall-UE biex tirtatiffika l-Ftehim ta' Pariġi. Din il-proposta leġiżlattiva tiffirma parti mill-implimentazzjoni tal-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-ekonomija kollha kif ikkonfermat fl-impenn għal kontribut maħsub determinat fil-livell nazzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha ppreżentat lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima ("UNFCCC") fis-6 ta' Marzu 2015.¹⁰
- (4) Il-Ftehim ta' Pariġi, fost l-oħrajn, jistabbilixxi mira fit-tul f'konformità mal-għan li ż-żieda fit-temperatura globali tinżamm sew taħt iż-2 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex tinżamm sal-1,5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. Sabiex tintlaħaq din il-mira, il-Partijiet għandhom iħejju, jikkomunikaw u jżommu kontributi suċċessivi determinati fil-livell nazzjonali. Il-Ftehim ta' Pariġi jissostitwixxi l-approċċ meħud skont il-Protokoll ta' Kjoto tal-1997 li mhux se jitkompla wara l-2020. Il-Ftehim ta' Pariġi jitlob ukoll bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi mis-sorsi u l-assorbimenti minn bjar ta' gassijiet serra fit-tieni nofs ta' dan is-seklu, u jstieden lill-Partijiet biex jieħdu azzjoni sabiex jikkonservaw u jtejbu, kif xieraq, bjar u riżervi ta' gassijiet serra, inklużi foresti.
- (5) Il-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014 irrikonoxxa wkoll l-għanijiet multipli tas-settur tal-agrikoltura u l-użu tal-art, bil-potenzjal ta' mitigazzjoni inferjuri kif ukoll il-ħtieġa ta' żgurar ta' koerenza bejn l-għanijiet tas-sigurtà alimentari u tat-tibdil fil-klima tal-Unjoni. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex teżamina l-aħjar mod biex thegġegħ l-intensifikazzjoni sostenibbli tal-produzzjoni tal-ikel, filwaqt li tottimizza l-kontribut tas-settur għall-mitigazzjoni u s-sekwestru tal-gassijiet serra, fosthom permezz tal-afforestazzjoni, u biex tistabbilixxi politika dwar kif jiġi inkluż l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") fil-Qafas ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima għall-2030 malli l-kundizzjonijiet tekniċi jippermettu dan u fi kwalunkwe każ qabel l-2020.
- (6) Is-settur tal-LULUCF jista' jikkontribwixxi b'diversi modi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, b'mod partikolari billi jitnaqqsu l-emissjonijiet, u jinżammu u jiżdiedu r-riżervi u l-ħażniet tal-karbonju. Sabiex il-miżuri li għandhom l-għan li b'mod partikolari jżidu s-sekwestru tal-karbonju jkunu effettivi, hemm bżonn tal-istabbiltà u l-adattabbiltà fit-tul tar-raggruppamenti tal-karbonju.
- (7) Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill,¹¹ bħala l-ewwel pass, tistabbilixxi regoli tal-kontabbiltà applikabbli għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra mis-settur tal-LULUCF u b'hekk ikkontribwiet għall-iżvilupp tal-politika għall-inklużjoni tas-settur tal-LULUCF fl-impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Unjoni. Dan ir-Regolament għandu jibni fuq ir-regoli tal-kontabbiltà eżistenti, u jaġġornahom u jtejjibhom għall-perjodu 2021-2030. Għandu jistabbilixxi l-obbligi tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawk ir-regoli tal-kontabbiltà u l-obbligu biex jiżgura li s-settur tal-LULUCF globali ma jiġġenerax emissjonijiet netti. Din ma għandha tistabbilixxi l-ebda obbligu ta' kontabbiltà jew ta' rapportar għal partijiet privati.

¹⁰

¹⁰<http://www4.unfccc.int/submissions/indc/Submission%20Pages/submissions.aspx>

¹¹

¹¹ Id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar regoli tal-kontabbiltà dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija u dwar informazzjoni li tikkonċerna l-azzjonijiet relatati ma' dawk l-attivitajiet (ĠU L 165, 18.6.2013, p. 80).

- (8) Sabiex jiġu determinati kontijiet preċiżi tal-emissjonijiet u l-assorbimenti skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006 (il-“Linji Gwida tal-IPCC”), il-valuri rapportati kull sena skont ir-Regolament (UE) Nru 525/2013/KE għall-kategoriji tal-użu tal-art u l-konverżjonijiet fost il-kategoriji tal-użu tal-art għandhom jiġu użati, biex b’hekk jiġu simplifikati l-approċċi użati skont l-UNFCCC u l-Protokoll ta’ Kjoto. Art li tiġi konvertita f’kategorija tal-użu tal-art oħra għandha tiġi meqjusa fi tranżizzjoni għal dik il-kategorija għall-valur prestabbilit ta’ 20 sena fil-Linji Gwida tal-IPCC.
- (9) L-emissjonijiet u l-assorbimenti mill-foresti jiddependu fuq għadd ta’ ċirkostanzi naturali, l-istruttura tal-klassi tal-età, kif ukoll il-prattiki ta’ ġestjoni tal-passat u tal-preżent. L-użu ta’ sena bażi ma jagħmilhiex possibbli li daww il-fatturi u l-impatti ċikliċi li jirriżultaw jiġu riflessi fuq l-emissjonijiet u l-assorbimenti jew il-varjazzjoni interannwali tagħhom. Ir-regoli tal-kontabbiltà rilevanti għandhom minflok jipprovdu għall-użu ta’ livelli referenzjarji biex jiġu esklużi l-effetti ta’ karatteristiċi naturali u speċifiċi għall-pajjiż. Fl-assenza tar-reviżjoni internazzjonali skont l-UNFCCC u l-Protokoll ta’ Kjoto, għandha tiġi stabbilita proċedura ta’ reviżjoni biex tiġi żgurata t-trasparenza u titjieb il-kwalità tal-kontabbiltà f’din il-kategorija.
- (10) Meta l-Kummissjoni tagħżel li tiġi assistita min tim ta’ reviżjoni espert skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2016)3301) fir-reviżjoni tal-pjanijiet tal-kontabbiltà forestali nazzjonali, din għandha tibni fuq il-prattika tajba u l-esperjenza tar-reviżjonijiet esperti skont l-UNFCCC, inkluż fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta’ esperti nazzjonali u rakkomandazzjonijiet, u tagħżel numru suffiċjenti ta’ esperti mill-Istati Membri.
- (11) Il-Linji Gwida tal-IPCC miftiehma fuq livell internazzjonali jiddikjaraw li l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta’ bijomassa jistgħu jiġu kontabilizzati bħala żero fis-settur tal-enerġija bil-kondizzjoni li dawn l-emissjonijiet jittieħed kont tagħhom fis-settur tal-LULUCF. Fl-UE, l-emissjonijiet mill-kombustjoni ta’ bijomassa huma kontabilizzati bħala żero skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 601/2012 u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 525/2013, b’hekk il-konsistenza mal-Linji Gwida tal-IPCC tiġi żgurata biss jekk dawn l-emissjonijiet ikunu koperti b’mod preċiż skont dan ir-Regolament.
- (12) L-użu sostenibbli miżjud ta’ prodotti tal-injam maħsud jista’ jillimita b’mod sostanzjali l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra fl-atmosfera u jsaħħa l-assorbimenti ta’ gassijiet serra mill-atmosfera. Ir-regoli tal-kontabbiltà għandhom jiżguraw li l-Istati Membri jirriflettu b’mod preċiż fil-kontijiet tagħhom il-bidliet fir-raggruppament tal-prodotti tal-injam maħsud meta dawn iseħħu, biex jiġu pprovduti inċentivi għall-użu msaħħa ta’ prodotti tal-injam maħsud b’ċikli twal tal-ħajja. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida dwar kwistjonijiet metodoloġiċi relatati mal-kontabbiltà għal prodotti tal-injam maħsud.
- (13) Id-disturbi naturali, bħan-nirien fil-foresti, l-infestazzjonijiet mill-insetti u mill-mard, l-avvenimenti estremi tat-temp u d-disturbi ġeoloġiċi li mhumieq fil-kontroll ta’ Stat Membru, u mhumieq influwenzati b’mod materjali minnu, jistgħu jirriżultaw f’emissjonijiet ta’ gassijiet serra ta’ natura temporanja fis-settur tal-LULUCF, jew jistgħu jikkawżaw inverżjonijiet ta’ assorbimenti preċedenti. Peress li inverżjoni tista’ tkun ukoll ir-riżultat ta’ deċiżjonijiet ta’ ġestjoni, bħad-deċiżjonijiet li jinħasdu jew li jiħawlu siġar, dan ir-Regolament għandu jiżgura li inverżjonijiet tal-

assorbimenti kkawżati mill-bniedem jiġu dejjem riflessi b'mod preċiż fil-kontijiet tas-settur tal-LULUCF. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu jipprovdi lill-Istati Membri bil-possibbiltà limitata li jeskludu mill-kontijiet tagħhom tas-settur tal-LULUCF l-emissjonijiet li jirriżultaw minn disturbi li ma jkollhomx kontroll fuqhom. Madankollu, il-mod li bih l-Istati Membri japplikaw daww id-dispożizzjonijiet ma għandux iwassal għal sottokontabilizzazzjoni eċċessiva.

- (14) Skont il-preferenzi nazzjonali, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jagħżlu politiki nazzjonali xierqa għall-kisba tal-impenji tagħhom fil-LULUCF, inkluża l-possibbiltà ta' emissjonijiet kumpensaturi minn waħda mill-kategoriji tal-art mill-assorbimenti minn kategorija tal-art oħra. Għandhom ikunu jistgħu wkoll jakkumulaw assorbimenti netti tul il-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030. In-negozjar fost l-Istati Membri għandu jkompli bħala għażla addizzjonali għall-għajnuna tal-konformità. Wara l-prattika fit-tieni perjodu ta' impenn tal-Protokoll ta' Kjoto, għandu jkun hemm possibbiltà għal Stat Membru biex juża s-superament tal-oġettivi tiegħu skont ir-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-2021 u l-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u biex jintlaħqu l-impenji skont il-Ftehim ta' Pariġi u li jemenda r-Regolament Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ u r-rapportar ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra u informazzjoni oħra rilevanti għat-tibdil fil-klima sabiex jiżgura l-konformità tiegħu mal-impenn tiegħu skont dan ir-Regolament.
- (15) Sabiex jiġi żgurat rapportar effiċjenti, trasparenti u kosteffikaċi u verika tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra u ta' informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità mal-impenji tal-Istati Membri, rekwiżiti ta' rapportar għandhom jiġu inklużi fir-Regolament (UE) Nru 525/2013 b'dan ir-Regolament, u kontrolli tal-konformità skont dan ir-Regolament għandhom iqisu dawn ir-rapporti. Għaldaqstant, ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 għandu jiġi emendat skont dan. Dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu jiġi simplifikati aktar biex jikkunsidraw kull bidla rilevanti fir-rigward tal-governanza integrata tal-Unjoni tal-Enerġija li għaliha hija prevista proposta sal-aħħar tal-2016 fil-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni.
- (16) L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tassisti lill-Kummissjoni, kif xieraq f'konformità mal-programm ta' ħidma annwali tagħha, bis-sistema ta' rapportar annwali tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra, il-valutazzjoni ta' informazzjoni dwar politiki u miżuri u projezzjonijiet nazzjonali, l-evalwazzjoni ta' politiki u miżuri addizzjonali ppjanati, u l-kontrolli tal-konformità mwettqa mill-Kummissjoni skont dan ir-Regolament.
- (17) Biex jiġi ffaċilitat il-ġbir ta' dejta u t-titjib tal-metodoloġija, l-użu tal-art għandu jiġi nnumerat u rapportat bl-użu ta' traċċar ġeografiku ta' kull żona ta' art, li jikkorrispondi mas-sistemi ta' ġbir ta' dejta nazzjonali u tal-UE. Għall-ġbir ta' dejta għandu jsir l-aħjar użu ta' programmi u s-sistemi eżistenti tal-Unjoni u tal-Istati Membri fosthom LUCAS, l-Istħarġ Qafas Statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta u Copernicus, il-Programm tal-Unjoni ta' Osservazzjoni u Monitoraġġ tad-Dinja. Il-ġestjoni tad-dejta, inkluż il-kondiviżjoni għall-użu mill-ġdid u d-disseminazzjoni tar-rapportar għandha tikkonforma mad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea.

- (18) Sabiex jipprovdi għal kontabbiltà xierqa tat-tranżazzjonijiet skont dan ir-Regolament, inkluż l-użu ta' flessibbiltajiet u konformità tat-traċċar, is-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattament tekniku ta' definizzjonijiet, valuri, listi ta' gassijiet serra u raggruppamenti ta' karbonju, l-aġġornament tal-livelli referenzjarji, il-kontabbiltà tat-tranżazzjonijiet u r-reviżjoni tar-rekwiżiti ta' metodoloġija u informazzjoni. Dawn il-miżuri għandhom iqisu d-dispożizzjonijiet fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 389/2013 li jistabbilixxi Reġistru tal-Unjoni. Id-dispożizzjonijiet meħtieġa għandhom ikunu fi strument legali uniku li jikkombina d-dispożizzjonijiet ta' kontabbiltà skont id-Direttiva 2003/87/KE, ir-Regolament (UE) Nru 525/2013, ir-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-2021 u l-2030 għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti u dan ir-Regolament. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejija tagħha, anke fil-livell ta' esperti jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni uguali fit-tħejija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejija ta' atti delegati.
- (19) Dan ir-Regolament għandu jiġi rivedut mill-2024 u sussegwentement kull 5 snin sabiex jiġi vvalutat il-funzjonament kumplessiv tiegħu. Din ir-reviżjoni tista' tiġi informata mir-riżultati tal-inventarju globali tal-Ftehim ta' Pariġi.
- (20) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala jew l-effetti tiegħu, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-għanijiet.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-impenji tal-Istati Membri dwar l-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") li jiżguraw li jintlaħaq l-impenn għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030, kif ukoll ir-regoli għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF u l-kontroll tal-konformità tal-Istati Membri ma' dawn l-impenji.

Artikolu 2

Kamp ta' Applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament japplika għall-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra elenkati fit-Taqsima A tal-Anness I, kif rapportati skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) Nru

525/2013 li jseħħu fi kwalunkwe waħda mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art fit-territorji tal-Istati Membri tul il-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030

- (a) art forestali: użu tal-art rapportat bħala raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti, u art oħra konvertita f' foresta;
- (b) art deforestata: użu tal-art rapportat bħala foresta konvertita f' raba', bur, art mistagħdra, insedjamenti, u art oħra;
- (c) raba' ġestita: użu tal-art rapportat bħala raba' li jibqa' raba' u bur, art mistagħdra, insedjament, art oħra konvertita f' raba' u raba' konvertit f' art mistagħdra, insedjament u art oħra;
- (d) bwar ġestiti: użu tal-art rapportat bħala bur li jibqa' bur u raba', art mistagħdra, insedjament, art oħra konvertita f' bur u bur konvertit f' art mistagħdra, insedjament u art oħra;
- (e) foresti ġestiti: użu tal-art rapportat bħala foresta li tibqa' foresta.

2. Stat Membru jista' jagħżel li jinkludi art mistagħdra ġestita, definita bħala użu tal-art rapportat bħala art mistagħdra li tibqa' art mistagħdra, u insedjament, art oħra konvertita f' art mistagħdra u art mistagħdra konvertita f' insedjament u art oħra, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4. Fejn Stat Membru jagħżel li jagħmel hekk, għandu jagħti rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti minn art mistagħdra ġestita skont dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (a) “bir” tfisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jneħħi gass serra, aerosol, jew prekursor ta' gass serra mill-atmosfera;
- (b) “sors” tfisser kwalunkwe proċess, attività jew mekkaniżmu li jirrilaxxa gass serra, aerosol jew prekursor ta' gass serra fl-atmosfera;
- (c) “ħażna tal-karbonju” tfisser il-massa ta' karbonju maħżun f' raggruppament tal-karbonju;
- (d) “raggruppament tal-karbonju” tfisser il-karatteristika jew is-sistema bijoġeokimika sħiħa jew parti minnha li fiha jinħażen il-karbonju, kwalunkwe prekursor ta' gass serra li fih il-karbonju jew kwalunkwe gass serra li fih il-karbonju;
- (e) “prodott tal-injam maħsud” tfisser kwalunkwe prodott tal-injam maħsud li ma jkunx għadu fis-sit fejn jiġi maħsud l-injam;
- (f) “foresti” tfisser żona ta' art definita mill-valuri minimi għad-daqs taż-żona, il-kopertura ta' qċaċet tas-siġar jew livell ekwivalenti ta' ħżin, u l-għoli potenzjali tas-siġar meta jimmaturow fil-post fejn jikbru s-siġar. Hija tinkludi żoni bis-siġar, inklużi gruppi ta' siġar naturali żgħar li jkunu qed jikbru, jew

pjantaġġuni li għad iridu jilhq u l-valuri minimi għall-kopertura ta' qċaċet tas-siġar jew livell ekwivalenti ta' ħżin jew għoli tas-siġar minimu, inkluża kwalunkwe żona li normalment tkun tiffirma parti miż-żona tal-foresta iżda li fuqha temporanjament ma jkun hemm l-ebda siġra b'riżultat ta' intervent tal-bniedem, bħall-ħsad, jew b'riżultat ta' kawżi naturali, iżda li tista' tkun mistennija terġa' ssir foresta;

- (g) “disturbi naturali” ifissru kwalunkwe avveniment mhux antropoġeniku jew ċirkostanza mhux antropoġenika li jikkawża/tikkawża emissjonijiet sinifikanti fil-foresti u li l-Istat Membru rilevanti ma jkollu l-ebda kontroll fuq l-okkorrenza tiegħu/tagħha, sakemm dak l-Istat Membru, b'mod oġġettiv ma jkunx jista' jillimita b'mod sinifikanti l-effett fuq l-emissjonijiet ta' daww l-avvenimenti jew iċ-ċirkostanzi, anke wara li dawn jokkorru;
- (h) “ossidazzjoni istantanja” tfisser metodu tal-kontabbiltà li jassumi li r-rilaxx fl-atmosfera tal-kwantità sħiħa tal-karbonju maħżun fil-prodotti tal-injam maħsud iseħħ mal-ħsad;

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta l-paragrafu 1 skont l-Artikolu 14 biex tadatta d-definizzjonijiet fil-paragrafu 1 għal żviluppi xjentifiċi jew progress tekniku u biex tiżgura l-konsistenza bejn daww id-definizzjonijiet u kwalunkwe bidla f'definizzjonijiet rilevanti fil-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006 (il-“Linji Gwida tal-IPCC”).

Artikolu 4

Impenji

Għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030, waqt li jqis il-flessibbiltajiet previsti fl-Artikolu 11, kull Stat Membru għandu jiżgura li l-emissjonijiet ma jaqbżux l-assorbimenti, ikkalkulata bħala s-somma tal-emissjonijiet u l-assorbimenti totali fit-territorju tagħhom fil-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2 kombinat, kif kontabilizzati skont dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Regoli tal-kontabbiltà ġenerali

1. Kull Stat Membru għandu jħejji u jżomm kontijiet li jirriflettu b'mod preċiż l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-kategoriji ta' kontabbiltà tal-art imsemmija fl-Artikolu 2. L-Istat Membru għandu jiżgura l-preċiżjoni, il-kompletezza, il-konsistenza, il-komparabilità u t-trasparenza tal-kontijiet tagħhom u ta' dejta oħra pprovduta skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri għandhom jindikaw l-emissjonijiet b'sinjal pożittiv (+) u l-assorbimenti b'sinjal negattiv (-).
2. L-Istati Membri għandhom jipprevjenu kwalunkwe għadd doppju ta' emissjonijiet jew assorbimenti b'mod partikolari bil-kontabbiltà għal emissjonijiet jew assorbimenti li jirriżultaw minn aktar minn kategorija ta' kontabbiltà tal-art waħda taħt kategorija waħda biss.
3. L-Istati Membri għandhom jibdlu foresti, raba', bwar, art mistagħdra, insedjamenti, u art oħra mill-kategorija ta' tali art konvertita f'tip ieħor ta' art għall-kategorija ta' tali art li tibqa' tal-istess tip ta' art wara 20 sena mid-data tal-konverżjoni.

4. L-Istati Membri, fil-kontijiet tagħhom għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art, għandhom jinkludu kwalunkwe bidla fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppament ta' karbonju elenkati fit-Taqsima B tal-Anness I. Stati Membri jista' jagħżel li ma jinkludix fil-kontijiet tagħhom bidliet fil-ħażna ta' karbonju tar-raggruppamenti ta' karbonju fejn ir-raggruppament ta' karbonju mhux sors, ħlief għall-bijomassa tal-wiċċ u l-prodotti tal-injam maħsud f'foresti ġestiti.

5. L-Istati Membri għandhom iżommu rekord komplet u preċiż tad-dejta kollha użata fil-preparazzjoni tal-kontijiet tagħhom.

6. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 14 biex temenda l-Anness I sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC.

Artikolu 6

Kontabbiltà għall-art forestali u l-art deforestata

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti minn art forestali u art deforestata, bħala emissjonijiet u assorbimenti totali għal kull sena tul il-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030.

2. Permezz ta' deroga mir-rekwiżit biex jiġi applikat valur prestabbilit fl-Artikolu 5(3), Stat Membru jista' jibdel raba, bwar, art mistagħdra, insedjamenti u art oħra mill-kategorija ta' tali art konvertita f'foresta għall-kategorija ta' foresta li tibqa' foresta wara 30 sena mid-data tal-konverżjoni.

3. Fil-kalkoli għall-emissjonijiet u l-assorbimenti fuq art forestali u art deforestata, kull Stat Membru għandu jiddetermina ż-żona tal-foresta bl-użu tal-istess unità tal-valutazzjoni spazjali speċifikata fl-Anness II.

Artikolu 7

Kontabbiltà għar-raba' ġestit, il-bwar ġestiti u l-art mistagħdra ġestita

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mir-raba' ġestita kkalkulata bħala l-emissjonijiet u l-assorbimenti tul il-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030 u jitnaqqas il-valur miksub bil-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti medji annwali tal-Istati Membri li jirriżultaw mir-raba' ġestita fil-perjodu bażi tiegħu 2005-2007.

2. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-bwar ġestiti kkalkulata bħala l-emissjonijiet u l-assorbimenti tul il-perjodi ta' bejn l-2021 sal-2025 u bejn l-2026 u l-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u assorbimenti medji annwali tal-Istati Membri li jirriżultaw mill-bwar ġestiti fil-perjodu bażi tiegħu 2005-2007.

3. Meta Stat Membru jagħżel li jinkludi l-art mistagħdra ġestita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 2, dan għandu jinnotifika dik l-għażla lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru 2020 għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 u sal-31 ta' Diċembru 2025 għall-perjodu ta' bejn l-2026 u l-2030.

4. L-Istati Membri li għażlu li jinkludu l-art mistagħdra ġestita fil-kamp ta' applikazzjoni tal-impenn tagħhom skont l-Artikolu 2 għandhom jagħtu rendikont l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-art mistagħdra ġestita, ikkalkulata bħala l-emissjonijiet u l-

assorbimenti tul il-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 sal-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti medji annwali li jirriżultaw mill-art mistagħdra ġestita fil-perjodu bażi tiegħu 2005-2007.

Artikolu 8

Kontabbiltà għall-ġestjoni tal-foresti

1. L-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont tal-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-foresti ġestiti, kkalkulat bħala l-emissjonijiet u l-assorbimenti tul il-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030 u jitnaqqas il-valur miksub permezz tal-multiplikazzjoni b'ħamsa tal-livell ta' referenza għall-foresti. Livell ta' referenza għall-foresti huwa stima tal-emissjonijiet u l-assorbimenti netti annwali medji li jirriżultaw mill-foresti ġestiti fi ħdan it-territorju tal-Istat Membru tul il-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030.

2. Meta r-riżultat tal-kalkolu msemmi fil-paragrafu 1 jiġi negattiv fir-rigward tal-livell ta' referenza għall-foresti, Stat Membru għandu jinkludi l-assorbimenti netti totali fil-kontijiet tal-foresti ġestiti ta' mhux aktar minn ekwivalenti ta' 3,5 % tal-emissjonijiet tal-Istat Membru fis-sena jew perjodu bażi tiegħu kif speċifikat fl-Anness III, multiplikat b'ħamsa.

3. L-Istati Membri għandhom jiddereminaw il-livell ta' referenza għall-foresti l-ġdid abbażi tal-kriterji stabbiliti fit-Taqsima A tal-Anness IV. Huma għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni pjan tal-kontabbiltà forestali nazzjonali inkluż livell ġdid ta' referenza għall-foresti, sal-31 ta' Diċembru 2018 għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 u sal-30 ta' Ġunju 2023 għall-perjodu ta' bejn l-2026 u l-2030.

Il-pjan tal-kontabbiltà forestali nazzjonali għandu jkun fih l-elementi kollha elenkati fit-Taqsima B tal-Anness IV u jinkludi livell ta' referenza għall-foresti ġdid propost ibbażat fuq il-kontinwazzjoni tal-prattika u l-intensità tal-ġestjoni forestali attwali, kif dokumentat bejn l-1990 u l-2009 għal kull tip ta' foresta u għal kull klassi ta' età fil-foresti nazzjonali, espressi f'ekwivalenti ta' tunnelli ta' CO₂ fis-sena.

Il-pjan tal-kontabbiltà forestali nazzjonali għandu jsir pubbliku u għandu jkun soġġett għal konsultazzjoni pubblika.

4. L-Istati Membri għandhom juru konsistenza bejn il-metodi u d-dejta użata biex jistabbilixxu l-livell ta' referenza għall-foresti fil-pjan tal-kontabbiltà forestali nazzjonali u dawk użati fir-rapportar għall-foresti ġestiti. L-aktar tard li Stat Membru għandu jippreżenta lill-Kummissjoni korrezzjoni teknika tal-livell referenzjarju tiegħu, jekk ikollu bżonn li jiżgura l-konsistenza, huwa fl-aħħar tal-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 jew bejn l-2026 u l-2030.

5. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-pjanijiet tal-kontabbiltà forestali nazzjonali u l-korrezzjonijiet tekniċi u tivvaluta l-punt sa fejn il-livelli ta' referenza għall-foresti ġodda proposti jew ikkoreġuti ġew determinati skont il-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu (3) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 5(1). Il-punt sa fejn dan huwa meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipji u r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu (3) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni tista' tikkalkula mill-ġdid il-livelli ta' referenza għall-foresti ġodda proposti jew ikkoreġuti.

6. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati skont l-Artikolu 14 biex temenda l-Anness II fid-dawl tar-reviżjoni mwettqa skont il-paragrafu (5) biex taġġorna l-livelli ta' referenza għall-

foresti tal-Istati Membri bbażati fuq il-pjanijiet tal-kontabbiltà forestali nazzjonali jew il-korrezzjonijiet tekniċi ppreżentati, u kwalunkwe kalkolu mill-ġdid li jkun sar fil-kuntest tar-reviżjoni. Sad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati, il-livelli ta' referenza għall-foresti ta' Stat Membru kif speċifikati fl-Anness II għandhom ikompli japplikaw għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 u/jew bejn l-2026 u l-2030.

Artikolu 9

Kontabbiltà għall-prodotti tal-injam maħsud

Fil-kontijiet skont l-Artikolu 6(1) u 8(1) relatati mal-prodotti tal-injam maħsud, l-Istati Membri għandhom jirriflettu l-emissjonijiet u l-assorbimenti li jirriżultaw mill-bidliet fir-raggruppament ta' prodotti tal-injam maħsud li jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin bl-użu tal-funzjoni ta' diżintegrazzjoni tal-ewwel grad, il-metodoloġiji u skont il-valuri prestabbiliti ta' nofs il-ħajja speċifikati fl-Anness V:

- (a) karta;
- (b) panewijiet tal-injam;
- (c) injam issegat.

Artikolu 10

Kontabbiltà għal disturbi naturali

1. Fl-aħħar tal-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u l-2030 l-Istati Membri jistgħu jeskludu mill-kontijiet tagħhom għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-foresti u l-foresti ġestiti li jirriżultaw minn disturbi naturali li jaqbżu l-emissjonijiet medji kkawżati minn disturbi naturali fil-perjodu ta' bejn l-2001 u l-2020, esklużi l-anomaliji statistiċi ("livell ta' bażi") kif ukoll marġni kkalkulat skont dan l-Artikolu u l-Anness VI.

2. Meta Stat Membru japplika l-paragrafu 1, dan għandu jippreżenta lill-Kummissjoni informazzjoni dwar il-livell ta' bażi għal kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art determinata fil-paragrafu 1 u dwar id-dejta u l-metodoloġiji użati skont l-Anness VI.

3. Meta Stat Membru japplika l-paragrafu 1, dan għandu jeskludi mill-kontabbiltà sal-2030 l-assorbimenti sussegwenti kollha fuq l-art affettwata minn disturbi naturali.

4. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati b'konformità mal-Artikolu 14 biex tirrevedi l-metodoloġija u r-rekwiżiti ta' informazzjoni fl-Anness VI sabiex jiġu riflessi l-bidliet fil-Linji Gwida tal-IPCC.

Artikolu 11

Flessibbiltajiet

1. Meta l-emissjonijiet totali jaqbżu l-assorbimenti fi Stat Membru u dak l-Istat Membru ikun hażzar l-allokazzjonijiet tal-emissjonijiet annwali skont ir-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-2021 u l-2030 din il-kwantità se jittieħed kont tagħha għall-konformità tal-Istat Membru mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4.

2. Il-punt sa fejn l-assorbimenti jaqbżu l-emissjonijiet fi Stat Membru u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-2021 u l-2030, dak l-Istat Membru jista' jittrasferixxi l-kwantità li jifdallu lil Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandu għandha titqies fil-valutazzjoni tal-konformità tal-Istat Membru riċeventi mal-impenn tiegħu skont l-Artikolu 4.

3. Il-punt sa fejn l-assorbimenti jaqbżu l-emissjonijiet fi Stat Membru fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025, u wara t-tnaqqis ta' kwalunkwe kwantità li titqies skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-2021 u l-2030 jew trasferiti lil Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 2, dak l-Istat Membru jista' jġemma' l-kwantità li jifdallu sal-perjodu ta' bejn l-2026 u l-2030.

4. Sabiex jiġi evitat għadd doppju, il-kwantità ta' assorbimenti netti meqjusa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament [] dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra annwali vinkolanti mill-2021 u l-2030 għandu jitnaqqas mill-kwantità ta' Stat Membru disponibbli għat-trasferiment lil Stat Membru ieħor jew għat-tfaddil skont il-paragrafi 2-3.

5. Jekk Stat Membru ma jikkonformax mar-rekwiżiti ta' monitoraġġ stabbiliti fl-Artikolu 7(1) da) tar-Regolament (UE) Nru 525/2013, l-Amministraturi Ċentrali maħtur skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva 2003/87/KE għandu jipprojbixxi temporanjament lil dak l-Istat Membru milli jittrasferixxi jew iġemma' skont il-paragrafi 2-3.

Artikolu 12

Kontroll tal-konformità

1. Fl-2007 u l-2032, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni rapport ta' konformità bil-bilanċ tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra totali rispettivament għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2025 jew bejn l-2026 u l-2030 fuq kull kategorija ta' kontabbiltà tal-art speċifikata fl-Artikolu 2, bl-użu tar-regoli tal-kontabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Il-Kummissjoni għandha twettaq reviżjoni komprensiva tar-rapporti tal-konformità għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-Artikolu 4.

3. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-qafas ta' monitoraġġ u konformità skont dan l-Artikolu, b'konformità mal-programm ta' ħidma annwali.

Artikolu 13

Reġistru

1. Il-Kummissjoni għandha għandha tirreġistra l-kwantitajiet ta' emissjonijiet u assorbimenti għal kull kategorija kontabilistika tal-art f'kull Stat Membru u tiżgura kontabbiltà preċiża fl-eżerċizzju tal-flessibbiltajiet skont l-Artikolu 11 tar-Reġistru tal-Unjoni stabbilit skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 525/2013. L-Amministratur Ċentrali għandu jwettaq kontroll awtomatizzat fuq kull tranżazzjoni skont dan ir-Regolament, u fejn meħtieġ, jimblokka t-tranżazzjonijiet biex jiżgura li ma jkun hemm l-ebda irregolarità. Din l-informazzjoni għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku.

2. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti delegati biex timplimenta l-paragrafu 1 skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 14

Eżerċizzju ta' delega

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tadotta atti delegati soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemija fl-Artikoli 3, 5, 8 sa 10 u 13 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ].
3. Id-delega tas-setgħat imsemija fil-paragrafu 2 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' atti delegati diġà fis-seħħ.
4. Qabel l-adozzjoni ta' att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.
5. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dan simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont il-paragrafi preċedenti għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma titqajjem l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu informaw it-tnejn li huma lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu jiġi estiż b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 15

Reviżjoni

Il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sat-28 ta' Frar 2024 u sussegwentement kull ħames snin dwar l-operazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-kontribut tagħha għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 globali tal-UE u l-kontribut tagħha għall-oġġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi, u tista' tagħmel proposti jekk xieraq.

Artikolu 16

Emendi fir-Regolament Nru 525/2013/UE

Ir-Regolament Nru 525/2013/UE huwa hawn emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 7(1) huwa emendat kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt (da) li ġej:

“(da) Mill-2023, l-emissjonijiet u l-assorbimenti koperti mill-Artikolu 2 tar-Regolament [] [dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra mill-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030] skont il-metodoloġiji speċifikati fl-Anness IIIa ta’ dan ir-Regolament;

(b) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

“Stat Membru jista’ jitlob deroga mill-punt (da) biex japplika metodoloġija differenti minn dik speċifikata fl-Anness IIIa jekk it-titjib tal-metodoloġija meħtieġ ma setax jinkiseb fil-ħin biex jitqies it-titjib fl-inventorji tal-gassijiet serra tal-perjodu ta’ bejn l-2021 u l-2030, jew l-ispiża tat-titjib tal-metodoloġija jkun għoli b’mod sproporzjonat meta mqabbel mal-benefiċċji tal-applikazzjoni ta’ tali metodoloġija biex tittejjeb il-kontabbiltà għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minħabba l-importanza baxxa tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mir-raggruppamenti ta’ karbonju konċernati. L-Istati Membri li jixtiequ jibbenefikaw mid-deroga għandhom jippreżentaw talba motivata lill-Kummissjoni sal-31 ta’ Diċembru 2020, fejn jindikaw l-iskeda ta’ żmien sa meta it-titjib tal-metodoloġija jista’ jiġi implimentat u/jew il-metodoloġija alternattiva proposta, u valutazzjoni tal-impatti potenzjali fuq l-eżattezza tal-kontabbiltà. Il-Kummissjoni tista’ titlob li tingħata informazzjoni addizzjonali f’perijodu ta’ żmien raġonevoli speċifiku. Meta l-Kummissjoni tikkunsidra li t-talba hija ġustifikata, għandha tagħti d-deroga. Jekk it-talba tiġi miċħuda, il-Kummissjoni għandha tagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tagħha.”

2. Fl-Artikolu 13(1)(c), il-punt (ix) jiżdied il-punt li ġej:

“(ix) mill-2023, informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali implimentati biex jintlaħaqu l-impenji tagħhom skont ir-Regolament [] dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, u informazzjoni dwar politiki u miżuri nazzjonali addizzjonali ppjanati u miżuri maħsuba bil-għan li jillimitaw l-emissjonijiet ta’ gassijiet serra jew li jtejbju bjar lil hinn mill-impenji tagħhom skont dak ir-Regolament;”

3. Fl-Artikolu 14(1), jiddaħħal il-punt (bb) li ġej:

“(bb) mill-2023, projezzjonijiet tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra totali u stimi separati għall-emissjonijiet u assorbimenti ta’ gassijiet serra previsti koperti mir-Regolament [] dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta’ gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta’ politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.”

4. Jiddaħħal l-Anness IIIa li ġej:

“Anness IIIa

Metodoloġiji għall-monitoraġġ u r-rapportar imsemmija fl-Artikolu 7(1)(da)

Id-dejta ta’ konverżjoni tal-użu tal-art spazjalment espliċita għall-identifikazzjoni u t-traċċar ta’ kategoriji tal-użu tal-art u konverżjonijiet fost il-kategoriji tal-użu tal-art.

Il-metodoloġija tal-Grad 1 li tuża fattur ta' emissjoni u valuri ta' parametri standard skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006.

Għall-emissjonijiet u l-assorbimenti minn raggruppament ta' karbonju li jiffirma mill-inqas 25-30% tal-emissjonijiet jew l-assorbimenti f'kategorija ta' sors jew bir li hija prijoritizzata fi ħdan sistema ta' inventarju nazzjonali ta' Stat Membru peress li l-istima tiegħu għandha influwenza sinifikanti fuq l-inventarju ta' gassijiet serra totali ta' pajjiż f'termini tal-livell assolut ta' emissjonijiet u assorbimenti, ix-xejra fl-emissjonijiet u l-assorbimenti, jew l-inċertezza fl-emissjonijiet u l-assorbimenti fil-kategoriji tal-użu tal-art, mill-inqas metodoloġija tal-Grad 2 li tuża fattur ta' emissjoni u valuri ta' parametri determinati nazzjonalment kalibrati għaċ-ċirkostanzi nazzjonali skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra.

L-Istati Membri huma mħeġġa japplikaw il-metodoloġija tal-Grad 3 li tuża mmudellar mhux parametrikali kalibrat għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, li tiddekrivi l-interazzjoni fiżika tas-sistema bijofiżika, skont il-Linji Gwida għall-Inventarji Nazzjonali tal-Gassijiet Serra tal-IPCC tal-2006. "

Artikolu 17

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB
- 1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva
- 1.4. Għan(ijiet)
- 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva
- 1.6. Durata u impatt finanzjarju
- 1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

- 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar
- 2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll
- 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i
- 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa
 - 3.2.1. *Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*
 - 3.2.2. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. *L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva*
 - 3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. *Kontributi tal-partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030.

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i) fl-istruttura ABM/ABB¹²

Qasam tal-politika: L-Azzjoni Klimatika

Attività ABB: Azzjoni klimatika fil-livell tal-Unjoni u internazzjonali (Kodiċi ABB 34 02 01)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹³**

☒ Il-proposta/inizjattiva hi relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija marbuta ma' **azzjoni ridiretta lejn azzjoni ġdida**

1.4. Għan(ijiet)

1.4.1. L-għan(ijiet) strateġiku/strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/inizjattiva

Din il-proposta hija parti mill-leġislazzjoni li timplimenta l-pakkett għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 li qabel fuq l-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014, sabiex tinkiseb il-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-2030 tal-UE ta' għall-anqas -40 % meta mqabbel mal-1990 domestikament b'mod kosteffettiv u tikkontribwixxi għal-limitazzjoni tat-tisħin globali.

Il-proposta hija parti mill-għaxar priyoritajiet politiċi tal-Kummissjoni, element importanti tal-Qafas Strateġiku għall-Unjoni tal-Enerġija.

¹² ABM: ġestjoni bbażata fuq l-attività; ABB: baġit ibbażat fuq l-attività.

¹³ Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.2. *Għan(ijiet) speċifiku/iċi u attività/ajiet ABM/ABB ikkonċernati*

Jiddeterminaw kif il-LULUCF se jikkontribwixxi għall-appoġġ tal-għanijiet ta' tnaqqis tal-emissjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Ewropew f'Ottubru 2014 għall-Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030, għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS.

Attività/ajiet konċernata/i ABM/ABB

Azzjoni klimatika

1.4.3. *Riżultat(i) u impatti mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.

Il-proposta se tiddefinixxi kif il-LULUCF se jikkontribwizzi għal tnaqqis ta' 30 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra madwar l-UE kollha fis-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS sal-2030 meta mqabbel mal-2005.

Il-proposta tistabbilixxi l-impenji tal-Istati Membri għall-użu tal-art, it-tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija ("LULUCF") li jiżguraw li jilħqu l-impenn tal-Unjoni għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra għall-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030. Barra minn hekk tiddefinixxi r-regoli għall-kontabbiltà tal-emissjonijiet u l-assorbimenti mil-LULUCF u l-kontrolli tal-konformità tal-Istati Membri ma' dawn l-impenji.

Huwa rakkomandati kontrolli tal-konformità inqas frekwenti, jiġifieri kull ħames snin minflok kull sena, li jnaqqsu l-piż amministrattiv kemm fuq l-Istati Membri kif ukoll fuq il-Kummissjoni Ewropea. Ma hemm l-ebda obbligu ta' rapportar dirett jew konsegwenzi amministrattivi oħra għan-negozji, SMEs jew mikrointrapriżi.

Il-proposta hija indirizzata lill-Istati Membri bħala atturi istituzzjonali. Il-politika proposta għandha tiġi implimentata fil-livell nazzjonali u għalhekk l-aktar li taffettwa huma l-amministraturi nazzjonali tagħhom. Skont in-natura u l-kamp ta' applikazzjoni ta' miżuri nazzjonali implimentati mill-Istati Membri, dawn jaffettwaw partijiet interessati varji fis-setturi kkonċerati.

Aktar impatti jiddependu fuq il-politiki u l-miżuri nazzjonali magħżula f'kull pajjiż speċifiku

1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatti*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.

Indikatur nru 1: Il-livell ta' emissjonijiet u assorbimenti netti fis-settur tal-LULUCF f'kull Stat Membru.

Indikatur nru 2: L-użu tal-flessibbiltà mogħtija mil-LULUCF fl-Istati Membri.

Indikatur nru 3: L-istabbiliment tal-livelli ta' referenza għall-foresti tal-Istati Membri għall-perjodi ta' bejn l-2021 u l-2025 u bejn l-2026 u 2030.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) f'perjodu qasir jew fit-tul*

L-Istati Membri għandhom jilħqu l-miri ta' tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali tagħhom fl-2030. Biex jikkonformaw mal-proposta, dawn għandhom jimplementaw politiki u miżuri u dispożizzjonijiet legali u amministrattivi meħtieġa fil-livell nazzjonali. Il-Kummissjoni għandha tiżviluppa l-miżuri ta' implimentazzjoni

rilevanti għall-perjodu ta' wara l-2020. Dawn jinkludu d-determinazzjoni tal-livelli ta' referenza għall-foresti għal kull Stat Membru.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-UE*

It-tibdil fil-klima huwa problema transkonfinali. Billi l-għan tal-azzjoni proposta ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri li jaġixxu individwalment, il-koordinazzjoni tal-azzjoni klimatika fil-livell Ewropew u, fejn possibbli, fil-livell globali hija meħtieġa u l-azzjoni tal-UE hija ġustifikata għal raġunijiet ta' sussidjarjetà. L-UE u l-Istati Membri tagħha jipparteċipaw b'mod konġunt fl-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. L-azzjoni konġunta tippermetti lill-UE tindirizza kwistjonijiet kemm tal-ekwità kif ukoll tal-effiċjenza, filwaqt li tilħaq objettiv ambjentali ambizzjuż. L-Artikoli 191 sa 193 tat-TFUE jikkonfermaw il-kompetenzi tal-UE fil-qasam tat-tibdil fil-klima.

1.5.3. *Tagħlim miksub minn esperjenzi simili fil-passat*

L-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra fil-LULUCF bħalissa huma koperti mill-obbligi internazzjonali skont il-Protokoll ta' Kjoto biss, sal-2020. Sa issa, il-Protokoll ta' Kjoto jqiegħed restrizzjonijiet fuq l-UE u kull wieħed mill-Istati Membri tagħha għandu jiżgura li s-settur tal-LULUCF ma jipproduċix emissjonijiet żejda. Madankollu, il-Protokoll ta' Kjoto se jiskadi fl-aħħar tal-2020. Konsegwentement, il-governanza għas-settur tal-LULUCF jeħtieġ li tiġi żviluppata aktar fi ħdan l-UE; bħalissa din hija pprovduta mid-Deċizzjoni dwar il-LULUCF (529/2013/UE). L-implimentazzjoni tad-Deċizzjoni dwar il-LULUCF (529/2013/UE) attwali għaddejja u sal-2020 se tipprovdi sistemi kontabilistiċi mtejbja. Mingħajr qafas legali li jikkonsolida din l-implimentazzjoni u li jiddefinixxi r-regoli applikabbli għall-perjodu ta' wara l-2020, il-mod li bih il-LULUCF ikun inkluż fil-qafas globali jista' jkun eteroġenu madwar l-UE kollha. Id-differenzi fir-regoli ta' rapportar u dawk kontabilistiċi minn Stat Membru għall-ieħor jistgħu jaffettwaw il-funzjonament ottimu tas-suq uniku b'mod negattiv.

1.5.4. *Sinerġija possibbli u kompatibilità ma' strumenti oħra xierqa*

Il-proposta tkompli l-mekkaniżmu ta' kondiviżjoni tal-isforzi tal-UE attwali għas-setturi li ma jaqgħux taħt l-ETS sal-2030 u hija parti integrali mill-Qafas ta' politika għall-Klima u l-Enerġija għall-2030 kif ukoll l-istrateġija għall-qafas tal-Kummissjoni għal Unjoni tal-Enerġija reżiljenti b'politika dwar it-tibdil fil-klima li tkompli il quddiem. B'mod partikolari, din tikkontribwixxi għall-għoti tar-raba' dimensjoni tal-Unjoni tal-Enerġija għad-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija.

L-Istati Membri huma responsabbli għall-politiki u l-miżuri ta' implimentazzjoni biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom, u f'tit minnhom huma mistennija wkoll jgħinu fil-kisba tal-impenji tal-UE għall-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika. Il-

gwida, il-faċilitazzjoni u l-ħarsa ġenerali tal-proċess biex dan jiġi stabbilit, b'mod partikolari l-livelli ta' referenza għall-foresti, se jiġu żgurati mill-Kummissjoni.

1.6. Durata u impatt finanzjarju

☐ Proposta/inizjattiva b' **durata limitata**

- ☐ ☐ Proposta/inizjattiva fis-seħħ mill-[JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- ☐ ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS

☐ Proposta/inizjattiva b' **durata illimitata**

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu minn SSSS sa SSSS,
- u wara operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)¹⁴

☐ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż il-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni konġunta** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

- ☐ pajjiżi terzi jew il-korpi nnominati minnhom;
- ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ korpi msemmija fl-Artikoli 208 u 209 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku safejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk ikun indikat aktar minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok inkludi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

¹⁴ Id-dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit tal-BudgWeb: http://www.cc.cec/budg/man/budgmanag/budgmanag_en.html

Il-proposta tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (id-Deċiżjoni dwar il-LULUCF) attwali bl-obbligi aġġornati ta' monitoraġġ u rapportar għall-Istati Membri u kompiti ta' ġestjoni għall-Kummissjoni. Il-Kummissjoni se tkompli tiġi appoġġjata mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent fil-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri fl-ilħuq tal-obbligi tagħhom skont din il-proposta.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Dispożizzjonijiet dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Il-monitoraġġ tal-progress u l-valutazzjoni tal-konformità se jiddependu fuq qafas komprensiv eżistenti ta' monitoraġġ, rapportar u verifika stabbilit parzjalment fil-proposta, u parzjalment fir-Regolament dwar Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ (MMR) u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu. Iċ-ċiklu robust ta' rapportar u konformità kif definit skont l-ESD se jinżamm skont din il-proposta. L-Istati Membri għandhom obbligu li jikkonformaw mal-limiti annwali tal-emissjonijiet u trajettorja lineari fil-perjodu ta' bejn l-2021 u l-2030 għalkemm il-kontroll tal-konformità attwali se jkun organizzat kull 5 snin.

Biex jiġi żgurat li l-valutazzjoni tal-konformità tiddependi fuq dejta preċiża, l-inventarji tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG) ippreżentati mill-Istati Membri se jibqgħu jiġu riveduti mill-Kummissjoni. L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tkompli tikkoordina l-kontroll tat-trasparenza, il-preċiżjoni, il-konsistenza, il-komparabilità u l-kompletezza tal-informazzjoni ppreżentata.

Ir-rekwiżiti eżistenti se jibqgħu għall-Istati Membri biex kull tieni sena jirrapportaw dwar il-politiki u l-miżuri implimentati sabiex jiksibu l-impenji tagħhom skont din il-proposta kif ukoll dwar il-projezzjonijiet tal-emissjonijiet tagħhom.

2.2. Sistema ta' ġestjoni u kontroll

2.2.1. Riskju/i identifikat(i)

Stati Membri li ma jirrapportawx jew ma jirrapportawx fil-ħin l-emissjonijiet annwali ta' gassijiet serra tagħhom.

Stati Membri li jimplementaw approċċi differenti għad-determinazzjoni tal-livelli ta' referenza għall-foresti.

2.2.2. Tagħrif li jikkonċerna l-istabbiliment tas-sistema ta' kontroll intern

Grazzi għas-sistema ta' rapportar annwali diġà eżistenti u stabbilita sew għall-emissjonijiet ta' gassijiet serra tal-Istati Membri stabbiliti fir-Regolament dwar Mekkaniżmu għall-Monitoraġġ hemm proċeduri stabbiliti biex jiġi żgurat li r-rapporti tal-emissjonijiet jaslu fil-ħin u li kwalunkwe Stat Membru li ma jissodisfax l-obbligi ta' rapportar tiegħu jista' jiġi megħjun.

2.2.3. Stima tal-ispejjeż u tal-benefiċċji tal-kontrolli u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' errur

Ir-riskju ta' errur mhuwiex applikabbli.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti.

Il-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri lejn l-impenji tagħhom skont din il-proposta jiddependi fuq sistema eżistenti u stabbilita sew għall-kontroll tal-kwalità u l-verifika tar-rapporti annwali tagħhom dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Dan jiżgura li kwalunkwe diskrepanza jew irregolarità fir-rigward tad-dejta tal-emissjonijiet irrapportata jiġu indirizzati u kkoreġuti fil-ħin għall-kontroll tal-konformità.

3. STIMA TAL-IMPATT FINANZJARJU TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Il-linji baġitarji eżistenti

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribut			
		Diff/Mhux diff ¹⁵ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹⁶	mill-pajjiżi kandidati ¹⁷	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
2	34.02.01	Diff.	LE	LE	LE	LE
5	34.01	Mhux diff.	LE	LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba: Mhux applikabbli

Skont l-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-baġit.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribut			
	Numru [...][Intestatura.....]	Diff/Mhux diff.	minn pajjiżi tal-EFTA	minn pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	fis-sens tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[...][XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹⁵ Diff.= Approprijazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprijazzjonijiet mhux differenzjati.

¹⁶ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁷ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

[Din it-taqsimha għandha timtela bl-użu tal- **ispreadsheet dwar id-dejta tal-baġit ta' natura amministrattiva** (it-tieni dokument fl-Anness għal din id-dikjarazzjoni finanzjarja) u mtella' fuq is-CISNET għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.]

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru	Tkabbir sostenibbli: Riżorsi Naturali
---	-------	---------------------------------------

DĠ: CLIMA			Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020				TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali										
34.02.01	Impenji	(1)	1,0	0,6						1,6
	Pagamenti	(2)	0,6	0,760	0,240					1,6
Numru tal-linja baġitarja	Impenji	(1a)								
	Pagamenti	(2a)								
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁸										
Numru tal-linja baġitarja		(3)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ CLIMA	Impenji	=1+1a +3	1,0	0,6						1,6
	Pagamenti	=2+2a +3	0,6	0,760	0,240					1,6

¹⁸ Għajnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi tal-UE: bl-użu ta' pakkett finanzjarju għal-LIFE kif miftiehem skont il-QFP 2014-2020.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	1,0	0,6						1,6
	Pagamenti	(5)	0,6	0,760	0,240					1,6
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA <...> tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+ 6	1,0	0,6						1,6
	Pagamenti	=5+ 6	0,6	0,760	0,240					1,6

F'każ li iżjed minn intestatura waħda tkun affettwata mill-proposta / l-inizjattiva:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)								
	Pagamenti	(5)								
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi		(6)								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+ 6	1,0	0,6						1,6
	Pagamenti	=5+ 6	0,6	0,760	0,240					1,6

Il-miżuri proposti se jitwettqu skont il-pakkett finanzjarju għal-LIFE, kif miftiehem skont il-QFP 2014-2020.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	5	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Sena 2017	Sena 2018	Sena 2019	Sena 2020				TOTAL
DĠ: CLIMA									
• Riżorsi umani		0,268	0,402	0,402	0,536				1,608
• Nefqa amministrattiva oħra		0,015	0,015	0,015	0,015				0,060
TOTAL DĠ CLIMA	Appropriazzjonijiet	0,283	0,417	0,417	0,551				1,668

TOTAL tal-appropriazzjonijiet taħt I-INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)	0,283	0,417	0,417	0,551				1,668
---	-------------------------------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--	--	--	--------------

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

		Is-sena 2017	Is-sena 2018	Is-sena 2019	Is-sena 2020				TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont I-INTESTATURI 1 sa 5 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	1,283	1,017	0,417	0,551				3,268
	Pagamenti	0,883	1,177	0,657	0,551				3,268

3.2.2. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' Euro (sa tliet punti deċimali)

Indika l-ghanijiet u l-outputs ↓			Is-sena 2017		Is-sena 2018		Is-sena 2019		Is-sena 2020								TOTAL	
	OUTPUTS																	
	Tip ¹⁹	Spiża medja	Le	Spiża	Le	Spiża	Le	Spiża	Le	Spiża	Le	Spiża	Le	Spiża	Le	Spiża	Nru Totali	Spiża Totali
OBJETTIV SPECĊIFIKU Nru 1 ²⁰ ...																		
- Output	AA	0,500	1	0,500													1	0,5
- Output	SER	0,500	1	0,500													1	0,5
- Output	SER	0,600			1	0,600											1	0,6
-Output	Trasfer	2,5																
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 1			2	1,0	1	0,600											3	1,6
GĦAN SPECĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																	1	0,5
Subtotal għall-objettiv speċifiku Nru 2																		

¹⁹ Outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu forniti (pereżempju: numru ta' skambji ta' studenti finanzjati, numru ta' km ta' toroq mibnija, eċċ.).

²⁰ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Għan(ijiet) speċifiku/ċi ..."

SPIŻA TOTALI	2	1,0	1	0,600											3	1,6
--------------	---	-----	---	-------	--	--	--	--	--	--	--	--	--	--	---	-----

3.2.3. L-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva

3.2.3.1. Sommarju

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma tirrikjedix l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

	Is-sena 2017	Is-sena 2018	Is-sena 2019	Is-sena 2020				TOTAL
--	-----------------	-----------------	-----------------	-----------------	--	--	--	-------

INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju plurieannali								
Riżorsi umani	0,268	0,402	0,402	0,536				1,608
Nefqiet amministrattivi oħra	0,015	0,015	0,015	0,015				0,060
Subtotal INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju plurieannali	0,283	0,417	0,417	0,551				1,668

Barra mill- INTESTATURA 5²¹ tal-qafas finanzjarju plurieannali								
Riżorsi umani								
Nefqiet oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill- INTESTATURA 5 tal-qafas finanzjarju plurieannali								

TOTAL	0,283	0,417	0,417	0,551				1,668
--------------	--------------	--------------	--------------	--------------	--	--	--	--------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'appropriazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fid-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċċessarju, ma' xi allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tad-diffikultajiet baġitarji.

²¹ Għajjnuna teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (dawk li kienu linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.3.2. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

Stima li trid tingħata f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

	Is-sena 2017	Is-sena 2018	Is-sena 2019	Is-sena 2020			
• Postijiet tal-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
XX 01 01 01 (il-Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni)	2	3	3	4			
XX 01 01 02 (Delegazzjonijiet)							
XX 01 05 01 (Riċerka indiretta)							
10 01 05 01 (Riċerka diretta)							
• Persunal estern (f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time: FTE)²²							
XX 01 02 01 (AC, END, INT mill-“finanzjament globali”)							
XX 01 02 02 (AC, AL, END, INT u JED fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 04 ss²³	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
XX 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)							
10 01 05 02 (AC, END, INT - Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (speċifika)							
TOTAL	2	3	3	4			

34 huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jintlaħqu mill-persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà ngħataw kariga band'oħra fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' xi allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ li jkun qed imexxi l-azzjoni skont il-proċedura ta' allokazżjoni annwali u fid-dawl tar-restrizzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	It-tim tal-AD attwali se jkompli jimmaniġġja l-inizjattiva tal-LULUCF. L-AD addizzjonali meħtieġ għall-ġestjoni tal-proġett ta' żvilupp ta' modulu ġdid fis-sistema ta' Regjistru tal-UE ddedikata lil-LULUCF mill-2018 u AD addizzjonali tan-negozjar ieħor b'miżuri forestali u livelli ta' referenza għall-foresti mill-2020.
Persunal estern	

²² AC = Aġenti Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzija; JED = Esperti Żgħażaġħ fid-Delegazzjonijiet.

²³ Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-appropriazzjonijiet operazzjonali (dawk li kienu linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibilità mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

- ☐ ☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija kompatibbli mal-qafas finanzjarju multiannwali attwali.
- ☐ ☐ Il-proposta/l-inizjattiva se tirrikjedi l-programmazzjoni mill-ġdid tal-intestatura rilevanti fil-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega liema programmazzjoni mill-ġdid hija meħtieġa, billi tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

Mhux Applikabbli

- ☐ ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ applikazzjoni tal-istrument ta' flessibbiltà jew reviżjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali.

Spjega dak li hemm bżonn, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

Mhux Applikabbli

3.2.5. *Kontributi tal-partijiet terzi*

- Il-proposta/l-inizjattiva ma tipprovdi il-kofinanzjament minn partijiet terzi.
- Il-proposta/l-inizjattiva tipprovdi għall-kofinanzjament stmat hawn taħt:

Appropriazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Is-sena N	Is-sena N+1	Is-sena N+2	Is-sena N+3	Nizzel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati								

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☐ ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☐ ☐ fuq id-dħul mixxellanju

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

Linja tad-dħul baġitarju:	Appropriazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	L-impatt tal-proposta/l-inizjattiva ²⁴						
		Is-sena N	Is-sena N+1	Is-sena N+2	Is-sena N+3	Nizzel kemm hemm bżonn snin biex turi t-tul ta' żmien kemm idum l-impatt (ara l-punt 1.6)		
L-Artikolu								

Għal dħul “assenjat” mixxellanju, speċifika l-linja/i tan-nefqa baġitarja affettwat/i.

[...]

Speċifika l-metodu għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul.

[...]

²⁴ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (dazji doganali, imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati għandhom ikunu ammonti netti, jiġifieri ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 25 % għall-ispejjeż tal-ġbir.